ECSA
European Community Shipowners' Associations

EUROPEAN TRANSPORT WORKERS' FEDERATION

# NELIMINAW IL-FASTIDJU U L-BULLYING FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL



**European Community Shipowners' Associations**

**European Transport Workers' Federation**

Ugwaljanza fl-Opportunitajiet
u d-Diversità fl-Industrija Ewropea
tat-Tbaħħir

Linji gwida
għall-kumpaniji
tat-tbaħħir

# Werrej

**Dikjarazzjoni minn Armindo Silva** **3**
**l-Imsieħba Soċjali** **4**
**introduzzjoni** **5**
Għanijiet tal-linji gwida 6
**X'inhu l-fastidju?** **6**
Eżempji ta' fastidju 6
**X'inhu l-ibbuljar?** **7**
Eżempji ta' bbuljar 8
Fastidju/Ibbuljar permezz tal-Komunikazzjoni Elettronika 9
**Politika tal-kumpanija dwar il-fastidju u l-ibbuljar** **9**
Impenn mill-Maniġment Superjuri 10
Proċeduri tal-Kumpaniji 10
**Identifikazzjoni tal-inċidenti ta' fastidju u bbuljar** **11**
Rappurtar 11
Proċedura Speċjali għall-Ilmenti 11
Risposta għal ilment ta' bbuljar u/jew fastidju 12
Proċess Informali 12
Proċess Formali 12
**Taħriġ, komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni** **13**
Kunfidenzjalità 14
Seduti ta' smigħ 14
Soluzzjoni tal-każ / azzjoni 14
**Miżuri sabiex jiġu eliminati l-fastidju u l-ibbuljar** **15**
Programmi Edukattivi 16
**Studji ta' każijiet** **16**
Kumpanija Internazzjonali tal-Kruċieri 16
Kumpanija Internazzjonali tat-Trasport tal-Fjuwil 17
Kumpanija tat-Tbaħħir fuq Distanzi Qosra 17
**It-test issuġġerit tal-fuljett għall-baħħara** **18**
**Links tal-web għall-materjali ta' taħriġ fuq il-websajts tal-Imsieħba fil-Proġett** **19**

# Dikjarazzjoni minn Armindo Silva



**Direttur, "Djalogu Soċjali dwar l-Impjiegi u l-Leġiżlazzjoni Soċjali", Kummissjoni tal-UE**

Biex jiġi indirizzat in-nuqqas kbir fl-għadd ta' Ewropej li jaqbdu karrieri fuq il-baħar, huwa essenzjali għall-industrija tat-tbaħħir biex tippreżenta lilha nnifisha bħala industrija attraenti biex wieħed isir jaħdem fiha, fejn dawk kollha impjegati huma ttrattati b'rispett u huma mħeġġa biex jilħqu l-potenzjal tagħhom. F'dan l-isfond, l-Imsieħba Soċjali għat-Trasport Marittimu - l-ETF u l-ECSA - lura fl-2004 ħarġu l-"Linji Gwida għall-kumpaniji tat-tbaħħir dwar l-eliminazzjoni tal-fastidju u l-bullying fuq il-post tax-xogħol", li kienu l-ewwel test maħruġ minn kwalunkwe Msieħeb Soċjali tal-UE fuq dan it-tip ta' riskju fuq il-post tax-xogħol. Minn dak iż-żmien, wittew it-triq għal ħafna oħrajn, bħall-"Ftehim qafas dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq ix-xogħol" iffirmat fuq livell transindustrijali fl-2007, ikkumplimentat mil-"Linji Gwida dwar il-vjolenza minn partijiet terzi" fil-livell settorjali fl-2010.

Nafu li l-bullying u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol jista' jkollhom konsegwenzi serji għas-saħħa fiżika u emozzjonali tal-ħaddiema, bħal tnaqqis fil-motivazzjoni, żieda fl-assenteiżmu u tnaqqis fil-produttività. Iżda jistgħu wkoll ikollhom effett negattiv għall-kumpaniji stess, u dan jirriżulta f'deterjorazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol b'konsegwenzi legali, organizzattivi, ekonomiċi u potenzjali kbar wisq.

Il-fastidju u l-bullying jista' jkollhom varjetà sħiħa ta' forom, li jvarjaw minn aggressjoni verbali sempliċi, trattament ħażin, cyber-bullying jew diskriminazzjoni sesswali permezz ta' diversi forom ta' aggressjoni fiżika li jwasslu għal feriti gravi. L-aggressjoni tista' tieħu l-forma ta' lingwa tal-ġisem, intimidazzjoni jew disprezz. Filwaqt li l-effett fiżiku tal-fastidju u l-bullying huwa pjuttost faċli biex jiġi identifikat minħabba s-sinjali esterni evidenti, ma jistax jintqal l-istess għall-effetti emozzjonali tal-fastidju u l-bullying li ħafna drabi huma miċħuda jew mgħawwġa.

Hemm għarfien dejjem jikber madwar l-UE, li jirriżulta mill-ħidma tal-Imsieħba Soċjali, dwar il-problema tal-bullying u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol fuq il-baħar, u din l-isfida qiegħda tittieħed dejjem aktar serjament fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, kien importanti li jiġu aġġornati l-Linji Gwida tal-ETF/ECSA għall-2004, mhux biss fir-rigward tar-rwol tal-analiżi, l-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' tali fenomenu, iżda anki fir-rigward tas-sottovalutazzjoni kostanti u r-rapportar tal-problema. Dan l-aġġornament ser jiżgura wkoll tixrid mifrux tal-Linji Gwida fl-akkademji marittimi u l-kumpaniji tat-tbaħħir madwar l-UE kollha. Barra minn hekk, il-Linji Gwida aġġornati ġew strutturati b'tali mod li jkun faċli għall-vittmi individwali biex isibu l-informazzjoni li jkunu qegħdin ifittxu biex tgħinhom jindirizzaw il-każijiet tagħhom.

Fit-trasport marittimu, is-sitwazzjonijiet ta' fastidju u bullying jistgħu jkunu kawża ta' tbatija severa, meta naħsbu dwar l-għajxien abbord u l-ambjent tax-xogħol, l-iżolament, id-daqs u l-prossimità tal-kabini tal-bastimenti jew il-ħtieġa li wieħed jibqa' fil-post tax-xogħol matul il-perjodi ta' mistrieħ, peress li l-post tax-xogħol huwa wkoll il-post ta' residenza tal-baħħara għaż-żmien li jqattgħu abbord il-bastiment. Minkejja l-adozzjoni tal-Linji Gwida tal-2004, ir-rapporti urew li inqas minn nofs ta' dawk li esperjenzaw bullying jew fastidju ħassew li setgħu jagħmlu ilment, minħabba l-biża' li ma jittieħdux bis-serjetà.

Minkejja s-sitwazzjonijiet kollha ta' bullying jew fastidju jikkostitwixxu fattur ta' riskju li x'aktarx jaffettwa s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u għandhom dejjem jiġu evitati jew prevenuti, il-biċċa l-kbira tal-baħħara jew il-kontropartijiet fuq l-art tagħhom li jkollhom f'idejhom it-tmexxija għadhom qatt ma rċevew xi taħriġ fuq kwistjonijiet ta' bullying, fastidju jew diskriminazzjoni.

Għaldaqstant, dawn il-linji gwida aġġornati u l-materjal u r-reġistri online assoċjati jikkostitwixxu riżorsa tassew apprezzata u f'waqtha għall-Industrija Ewropea tat-tbaħħir li ser jikkontribwixxu għall-integrazzjoni ta' kultura ta' prevenzjoni tar-riskji abbord il-bastimenti u fl-industrija tat-tbaħħir kif ukoll iżidu l-għarfien fost il-baħħara kollha tal-fenomenu tal-fastidju u l-bullying. Ser jgħinu wkoll biex jassistu lill-vittmi sabiex jindirizzaw aħjar il-każijiet tagħhom jekk ikun hemm bżonn. Dawn ġew abbozzati mill-Imsieħba soċjali taħt l-awspiċju tal-Kumitat Settorjali għad-Djalogu Soċjali dwar it-Trasport Marittimu u bl-appoġġ finanzjarju tal-Kummissjoni tal-UE. Dawn il-linji gwida u l-materjali ta' sostenn li jakkumpanjawhom (vidjow u reġistru) ser jgħinu fit-tixrid kif ukoll fit-traduzzjonijiet tal-linji gwida fil-lingwi tal-Istati marittimi kollha tal-Unjoni, kif ukoll numru ta' lingwi addizzjonali magħżula mill-Imsieħba Soċjali.

*Brussell, 2013*

# l-Imsieħba Soċjali

ECSA
European Community Shipowners' Associations

### L-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea

(ECSA), li twaqqfet fl-1965 taħt l-isem ta' "Comité des Associations d'Armateurs des Communautés Européennes (CAACE)", hija l-assoċjazzjoni tal-kummerċ li tirrappreżenta l-assoċjazzjonijiet nazzjonali tas-sidien tal-bastimenti tal-UE u tan-Norveġja (kważi 99 % tal-flotta taż-ŻEE jew madwar 20 % tal-flotta dinjija). L-għan tagħna huwa li nippromwovu l-interessi tat-tbaħħir Ewropew biex b'hekk l-industrija tkun tista' taqdi bl-aħjar mod possibbli n-negozju u l-kummerċ Ewropew u dak internazzjonali f'ambjent kompetittiv liberu għal kull impriża għall-benefiċċju tal-baħħara u l-konsumaturi u ngħinu fil-formulazzjoni tal-politika tal-UE dwar kwistjonijiet ewlenin relatati mat-trasport.

EUROPEAN TRANSPORT WORKERS' FEDERATION

### Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport

(ETF) tirrappreżenta lil aktar minn 2.5 miljun ħaddiem tat-trasport minn 243 għaqda tat-trasport u 41 pajjiż Ewropew, fis-setturi li ġejjin: it-trasport bil-ferroviji, it-trasport bit-triq u l-loġistika, it-trasport marittimu, il-passaġġi fuq l-ilma intern, l-avjazzjoni ċivili, il-portijiet u l-baċiri, t-turiżmu u s-sajd. L-attività prinċipali tagħha hija li tirrappreżenta u tiddefendi l-interessi tal-ħaddiema tat-trasport madwar l-Ewropa kollha. Tifformula u tikkoordina l-politika soċjali u tat-trasport tat-trejdjunjins, torganizza attivitajiet industrijali miftiehma, tinvolvi ruħha fl-edukazzjoni u t-taħriġ u twettaq riċerka innovattiva fuq firxa sħiħa ta' suġġetti mis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għall-istudji ta' impatt fuq l-impjiegi.

# Introduzzjoni

Il-ħaddiema kollha għandhom id-dritt li jaħdmu mingħajr ma jsofru fastidju u bbjuljar fil-postijiet tax-xogħol tagħhom. Sfortunatament, hemm bosta ħaddiema li ma jgawdux din il-libertà bażika. Hija r-responsabbiltà tal-impjegaturi kollha li jassiguraw li tiġi eliminata kull forma ta' fastidju u bbuljar mill-postijiet tax-xogħol tagħhom. Hija wkoll ir-responsabbiltà tat-trejdjunjins u tal-ħaddiema li jassiguraw li ma jseħħux fastidju u bbuljar.

L-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Vapuri tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) li jirrappreżentaw it-trejdjunjins jemmnu li l-fastidju u l-ibbuljar mhumiex aċċettabbli u ngħaqdu flimkien biex jipproduċu l-gwida li ġejja għall-kumpaniji tat-tbaħħir u oħrajn fl-industrija tat-tbaħħir dwar x'jistgħu jagħmlu biex jeliminaw il-fastidju u l-ibbuljar.

Il-fastidju u l-ibbuljar huma eżempji ta' mġiba mhux mixtieqa u li tikkawża effetti detrimentali. Dan jistgħu jinkludu stress, nuqqas ta' motivazzjoni, tnaqqis fir-rendiment waqt ix-xogħol, assenteiżmu, riżenji u spejjeż għaljin. Il-fastidju jinkludi kwalunkwe mġiba mhux xierqa u mhux aċċettabbli li, sew jekk tkun intenzjonata kif ukoll jekk le, toħloq sensazzjonijiet ta' skumdità, umiljazzjoni, mistħija jew dwejjaq lill-persuna li tirċeviha. L-ibbuljar huwa forma partikolari ta' fastidju li jinkludi mġiba ostili jew vendikattiva, li jista' jġiegħel lir-riċevitur iħossu mhedded jew intimidat.

Għalkemm, f'minoranza tal-każijiet, dawk li jikkommettu atti ta' fastidju u bbuljar jagħmlu dan apposta, hemm ukoll azzjonijiet li jistgħu jiġu kklassifikati bħala fastidju u/jew ibbuljar li jitwettqu inkonxjament u jirriżultaw minn stili ta' ġestjoni li għadda żmienhom, b'differenza minn kwalunkwe intenzjoni ħażina apposta. Għalhekk l-adozzjoni u l-inkoraġġiment ta' stili ta' ġestjoni li ma jinvolvux imġiba aggressiva u intimidatorja jista' jkollhom kontribut importanti sabiex jiġu eliminati l-fastidju u l-ibbuljar mill-postijiet tax-xogħol.

Hemm ukoll raġunijiet legali u ekonomiċi b'saħħithom għall-eliminazzjoni tal-fastidju u l-ibbuljar mill-postijiet tax-xogħol. Kien hemm każijiet ta' impjegati li sofrew fastidju li wasslu għal klejms b'suċċess ta' diskriminazzjoni, b'konsegwenzi għaljin għall-impjegaturi tagħhom. Madankollu, anki jekk wieħed iwarrab għal ftit il-konsiderazzjonijiet legali, hija kwistjoni ta' prattika tajba ta' impjieg li wieħed irawwem ambjent ta' ħidma fejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jaħdmu mingħajr fastidju u bbuljar. Il-ħaddiema li jsofru fastidju u bbuljar jistgħu jħossuhom demotivati u huma aktar probabbli li jsofru minn stress li jwassal għal assenteiżmu. Huma wkoll aktar probabbli li jkunu jridu jitilqu mill-impjieg tagħhom, li jinvolvi spejjeż addizzjonali ta' reklutaġġ għall-kumpanija.

# Għanijiet tal-linji gwida

Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jassistu lill-kumpaniji biex jagħrfu eżempji ta' fastidju u/jew ibbuljar, jidentifikaw l-inċidenti bl-użu ta' proċeduri ta' lment effettivi u jeliminaw il-fastidju u l-ibbuljar b'mod li juri b'mod ċar il-benefiċċji għall-partijiet kollha kkonċernati, ta' post tax-xogħol ħieles mill-fastidju u l-ibbuljar. Huma rilevanti għall-postijiet tax-xogħol abbord il-vapuri u dawk ibbażati fuq l-art.

Il-kumpanija għandha tinvolvi l-ħaddiema tagħha u/jew lit-trejdjunjins. Fejn ikun xieraq u billi jitqiesu s-sistemi legali nazzjonali, il-politiki tal-kumpanija dwar il-fastidju għandhom jiġu inkorporati fil-ftehimiet tan-negozjar kollettiv.

# X'inhu l-fastidju?

Id-Direttiva Ewropea dwar l-istabbiliment ta' qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol issostni li l-molestji (fastidju) għandhom jitqiesu bħala forma ta' diskriminazzjoni meta sseħħ kondotta mhux xierqa li jkollha l-għan jew l-effett li tnaqqas id-dinjità ta' persuna u li tikkrea ambjent ta' biża', ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv[1].

## Eżempji ta' fastidju

- wiri jew ċirkolazzjoni ta' materjal offensiv jew suġġestiv;
- insinwazzjonijiet, tmasħir, ċajt jew kummenti vulgari jew sessisti/razzisti/omofobiċi;
- l-użu ta' lingwaġġ offensiv fid-deskrizzjoni ta' persuna b'diżabilità jew it-twaqqigħ għaċ-ċajt ta' persuna b'diżabilità;
- kummenti dwar id-dehra fiżika jew il-karattru ta' persuna li jikkawżaw mistħija jew dwejjaq;
- attenzjoni mhux mixtieqa bħal tkixxif, insegwiment, fittaġni, imġiba familjari żżejjed jew attenzjoni verbali jew fiżika mhux mixtieqa;
- li tagħmel jew tibgħat telefonati, messaġġi bil-kitba, posta elettronika, netwerks soċjali, faxes jew ittri mhux mixtieqa, sesswalment suġġestivi, ostili jew ta' ndħil personali;
- mistoqsijiet mhux mixtieqa, ta' ndħil jew persistenti dwar l-età, l-istat taż-żwieġ, il-ħajja personali, l-interessi jew l-orjentazzjoni sesswali, jew mistoqsijiet simili dwar l-oriġini razzjali jew etnika ta' persuna, inkluża l-kultura jew ir-reliġjon tagħha;
- avvanzi sesswali mhux mixtieqa jew talbiet ripetuti għal appuntamenti jew theddid;

1 Id-Direttiva tal-KUnsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol

- suġġerimenti li l-favuri sesswali jistgħu jmexxu 'l quddiem il-karriera ta' persuna, jew li jekk ma jiġux offruti tista' tiġi affettwata ħażin il-karriera;
- ħars malizzjuż, mossi vulgari, mess, qbid, taptip jew kuntatt ieħor bla bżonn tal-ġisem bħat-tħakkik ma' persuni oħra;
- tixrid ta' xnigħat malizzjużi, jew insulentar ta' persuna (b'mod partikolari minħabba l-karatteristiċi protetti tal-età, ir-razza, ir-riassenjazzjoni tas-sess, iż-żwieġ, is-sħubija ċivili, it-tqala u l-maternità, is-sess, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali u r-reliġjon jew it-twemmin);

Persuni jistgħu jingħataw fastidju fuq il-post tax-xogħol ukoll jekk ta' madwarhom jarawhom li "ma jistgħux jintegraw". Dan huwa iżjed probabbli li jseħħ fi ħdan forza tax-xogħol bi ftit jew l-ebda diversità. Tali persuni jistgħu jiġu evitati u l-isforzi tagħhom biex jintegraw mal-oħrajn jisfaw irrifrontati.

# X'inhu l-ibbuljar?

L-ibbuljar huwa forma ta' fastidju u jintuża biex jiddeskrivi mġiba heddieda jew intimidatorja. Huwa jirriżulta f'ambjent tax-xogħol li fih grupp ta' persuni jew individwu jistgħu jħossuhom beżgħana jew intimidati minħabba l-imġiba negattiva jew ostili ta' grupp ieħor ta' persuni jew individwu.

L-ibbuljar ħafna drabi jinvolvi l-abbuż mill-poter jew il-pożizzjoni u ħafna drabi jkun persistenti u imprevedibbli. Jista' jkun vendikattiv, kattiv jew malizzjuż. Madankollu jista' jirriżulta wkoll meta persuna ma tkunx konxja tal-effett li l-imġiba tagħha jkun qiegħed ikollha fuq persuni oħra, jew li ma jkollha l-ebda intenzjoni li tibbulja.

# Eżempji ta' bbuljar

- theddid jew abbuż verbali jew fiżiku, bħal għajjat jew kliem ħażin mal-persunal jew kollegi, fil-pubbliku jew fil-privat, fosthom dikjarazzjonijiet jew kummenti insolenti jew stereotipati;
- insulti personali;
- li ċċekken jew tirredikola persuna, jew il-ħiliet tiegħu / tagħha, fil-privat jew quddiem ħaddieħor;
- rabja f'daqqa kontra individwu jew grupp, ħafna drabi għal raġunijiet trivjali;
- li tpoġġi lil xi ħadd taħt superviżjoni eċċessiva bla bżonn jew oppressiva, billi timmonitorja kulma jagħmel jew tkun kritiku żżejjed ta' affarijiet żgħar;
- kritika persistenti jew mhux ġustifikata;
- li tagħmel talbiet mhux raġonevoli mill-persunal jew kollegi;
- li tagħti kompiti menjali jew avvilenti li ma jkunux xierqa għax-xogħol jew li tneħħi oqsma ta' responsabbiltà għall-ebda raġuni ġustifikabbli;
- li tinjora jew teskludi individwu, eż. minn avvenimenti soċjali, laqgħat tat-tim, diskussjonijiet u deċiżjonijiet jew ippjanar kollettiv;
- li tagħmel theddid jew kummenti mhux xierqa dwar il-prospetti tal-karriera, is-sigurtà tax-xogħol jew ir-rapporti dwar il-valutazzjoni tal-prestazzjoni;
- tixrid ta' xnigħat malizzjużi, jew insulentar ta' persuna (b'mod partikolari minħabba l-karatteristiċi protetti tal-età, ir-razza, iż-żwieġ, is-sħubija ċivili, it-tqala u l-maternità, is-sess, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twemmin u r-riassenjazzjoni tas-sess).

L-espressjonijiet li ġejjin xi drabi jintużaw biex jiskużaw, jiddefinixxu jew jirreferu għal imġiba jew sitwazzjonijiet bejn persuni fuq il-post tax-xogħol li jistgħu jinvolvu bbuljar "moħbi";

- stili ta' ġestjoni b'saħħithom jew robusti;
- relazzjoni ta' ħidma li tiġi deskritta bħala "nuqqas ta' qbil bejn il-personalitajiet";
- xi ħadd li jiġi deskritt bħala "sensittiv iżżejjed" jew "ma jistax jara ċajta";
- li tiddeskrivi lil xi ħadd bħala li għandu "problema ta' attitudni";
- maniġer li "m'għandux paċenzja ma' nies li jqishom stupidi";
- in-nuqqas ta' appoġġ lil membru tal-persunal li jkun għamel żball żgħir fuq il-post tax-xogħol.

## Fastidju/Ibbuljar permezz tal-Komunikazzjoni Elettronika

Iż-żieda fid-disponibbiltà ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi ħolqot strument potenzjalment b'saħħtu għall-ibbuljar jew il-fastidju; dan sar magħruf bħala "Ibbuljar u Fastidju Ċibernetiku". Kummenti suġġestivi u mhux mixtieqa, grafika jew posta elettronika, postings fuq in-netwerks soċjali u messaġġi bil-kitba fuq it-telefowns mobbli li jkunu abbużi u mimlija theddid, huma forom ta' bbuljar ċibernetiku. Għalhekk il-kumpaniji jridu jassiguraw li fil-politiki u l-proċeduri rilevanti tiġi inkluża dikjarazzjoni rigward l-Ibbuljar Ċibernetiku. Eżempju ta' dikjarazzjoni xierqa jista' jkun:

"L-ibbuljar u l-fastidju ċibernetiku huwa l-użu ta' teknoloġiji moderni tal-komunikazzjoni biex jiġi imbarrazzat, umiljat, mhedded, jew intimidat individwu f'tentattiv sabiex jinkiseb poter u kontroll fuqu. L-użu ta' tagħmir tal-komunikazzjoni tal-kumpanija għal skopijiet bħal dawn se jiġi ttrattat bħala ksur serju tal-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija u jwassal għal azzjoni dixxiplinarja kontra l-awturi (min iwettaq l-att)".

Jekk xi impjegat jilmenta li sofra xi wieħed mill-atti msemmija hawn fuq jew xi att ieħor li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' fastidju u/jew ibbuljar, huwa importanti li l-impjegatur jieħu l-ilment bis-serjetà u jwettaq investigazzjoni.

# Politika tal-kumpanija dwar il-fastidju u l-ibbuljar

Il-kumpanija għandha tfassal dikjarazzjoni ċara bil-miktub tal-impenn tagħha li tagħmilha ċara li l-fastidju u l-ibbuljar mhumiex aċċettabbli u li l-għan tal-politika huwa li teliminahom mill-post tax-xogħol. Id-dikjarazzjoni għandha tagħti kemm jista' jkun eżempji tat-tipi ta' mġiba li se jkunu kklassifikati bħala fastidju u bbuljar. Għandha tidentifika wkoll il-persuni li l-membri tal-persunal jistgħu jirrappurtaw l-inċidenti għandhom.

Il-kumpanija għandha tiddiskuti l-politika mar-rappreżentanti tal-impjegati u/jew it-trejdjunjins marittimi u tikseb l-appoġġ tagħhom għaliha u l-impenn tagħhom lejn l-għanijiet tagħha.

Ladarba tiġi maqbula l-politika, il-kumpanija għandha tassigura li l-ħaddiema kollha, kemm dawk fuq il-baħar kif ukoll dawk ta' fuq l-art, isiru jafu biha u jifhmuha. Huma għandhom jiġu ppreżentati b'kopji tad-dokumenti li fihom il-politika u dokument simili għandu jintwera b'mod prominenti fuq il-bords tal-avviżi fuq il-vapuri u fl-uffiċċji fuq l-art.

Il-kumpanija għandha tikkunsidra wkoll li tagħmel workshops u/jew seminars biex tassigura l-implimentazzjoni u l-aċċettazzjoni mingħajr problemi tal-politika.

## Impenn mill-Maniġment Superjuri

Id-dokument tal-politika għandu jinkludi messaġġ mill-Kap Eżekuttiv jew persuna ekwivalenti fil-kumpanija. Il-messaġġ għandu jistabbilixxi l-impenn tal-kumpanija għall-eliminazzjoni tal-fastidju u l-ibbuljar mill-post tax-xogħol u l-mira ta' ambjent ta' ħidma li fih ikun hemm ir-rispett għad-dinjità u l-benesseri tal-ħaddiema kollha. Barra minn hekk, il-kumpanija għandha taħtar direttur jew membru xieraq tal-maniġment superjuri bħala l-persuna li jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-politika.

Il-kumpaniji jridu jagħtu eżempju tajjeb. L-imġiba tal-impjegaturi u tal-maniġers superjuri hija importanti daqs kwalunkwe politika formali. Ġestjoni "b'saħħitha" xi drabi tista' sfortunatament tinbidel f'imġiba ta' bbuljar. Kultura fejn l-impjegati jiġu kkonsultati u l-problemi huma diskussi hija inqas probabbli li tinkoraġġixxi l-ibbuljar u l-fastidju minn waħda fejn hemm stil ta' ġestjoni awtoritarju.

## Proċeduri tal-Kumpaniji

Il-kumpaniji għandhom iżommu proċeduri ġusti sabiex jindirizzaw malajr l-ilmenti mill-impjegati. L-ilmenti ta' bbuljar u fastidju jistgħu ġeneralment jiġu indirizzati bl-użu ta' proċeduri ta' lment u dixxiplinarji ċari. Proċeduri bħal dawn għandhom ikollhom provvediment għall-kunfidenzjalità, salvagwardji kontra l-vittimizzazzjoni tal-ilmentatur, u biex kemm il-persuna li tagħmel l-ilment kif ukoll l-allegat awtur ikunu akkumpanjati minn xi kollega jew rappreżentant ta' trejdjunjin tal-għażla tagħhom. Il-kumpanija għandha tassigura li l-partijiet fl-ilment jiġu ttrattati bl-istess dinjità u ġustizzja."

Dikjarazzjoni mill-kumpanija lill-impjegati kollha dwar il-politika tal-kumpanija, l-istandards ta' mġiba li huma mistennija u l-appoġġ li se tagħti lill-persunal tista' tagħmilha aktar faċli biex l-individwi kollha jkunu jafu b'mod sħiħ ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn ħaddieħor.

Huwa importanti li l-impjegati jkunu jafu li l-ilmenti dwar fastidju jew ibbuljar, jew l-informazzjoni mill-persunal b'rabta ma' tali lmenti, se tiġi ttrattata b'mod ġust, kunfidenzjali u sensittiv. L-impjegati jkunu riluttanti li jersqu 'l quddiem jekk iħossu li jistgħu jiġu ttrattati b'mod mhux simpatetiku jew li jkunu probabbli li jiġu kkonfrontati b'mod aggressiv mill-persuna li dwar l-imġiba tagħha jkunu qed jagħmlu l-ilment.

# Identifikazzjoni tal-inċidenti ta' fastidju u bbuljar

## Rappurtar

Sabiex jiġu indirizzati l-problemi kkawżati mill-fastidju u l-ibbuljar, huwa importanti li l-kumpanija tinkoraġġixxi attivament lill-impjegati tagħha biex iressqu għall-attenzjoni tagħha l-inċidenti kollha ta' fastidju u bbuljar.

Il-kittieba ta' din il-linja gwida identifikaw li waħda mill-iżjed problemi serji fil-preżent hija li perċentwal sinifikanti tal-inċidenti ma jiġux irrappurtati lill-maniġment tal-kumpaniji. Skont rapport tal-2010 dwar stħarriġ imwettaq minn Nautilus Internationa bit-titlu "Bullying, Discrimination & Harassment", 43% ta' dawk li wieġbu sostnew li kienu sofrew ibbuljar, diskriminazzjoni jew fastidju fil-post tax-xogħol iżda anqas minn nofs (43%) ilmentaw mal-kumpanija tagħhom. Ir-rapport tal-2010 aġġorna studju preċedenti mwettaq mill-unjin li kien identifika li 76% tal-membri nisa tagħha kienu sofrew fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol iżda 23% biss kienu rrappurtawh lill-kumpanija tagħhom. Filwaqt li l-livelli tar-rappurtar jidhru li tjiebu mill-ewwel studju 'l hawn, il-livell ta' rappurtar nieqes għadu ta' tħassib.

F'sitwazzjoni abbord huwa komuni li dawk li jsofru fastidju u bbuljar "jissaportuh" sat-tmiem tal-vjaġġ u jitolbu li jiġu trasferiti għal fuq bastiment ieħor għall-vjaġġ li jkun imisshom, minflok ma jirrappurtaw l-inċidenti. Dan joħloq diffikultajiet loġistiċi għall-kumpanija tagħhom u ma jippermettilhiex li tindirizza l-inċidenti b'mod effettiv.

## Proċedura Speċjali għall-Ilmenti

Huwa importanti ħafna wkoll li l-kumpanija jkollha proċeduri għar-rappurtar u l-immaniġġar tal-ilmenti ta' fastidju u bbuljar li jgawdu l-fiduċja tal-membri kollha tal-persunal. Huwa rakkomandat li l-proċedura tkun separata mill-proċedura ġenerali tal-kumpanija għall-ilmenti iżda li tkun konsistenti ma' dawk imfassla sabiex jikkonformaw mar-Regolament 5.1.5 tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (Proċeduri Abbord) u t-Titolu 5 tal-Ftehim konkluż mill-ECSA u l-ETF fuq il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006 anness mad-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE.

Il-kumpanija għandha taħtar persuna bħala l-ewwel punt ta' referenza għal kwalunkwe membru tal-persunal li jkun jixtieq jagħmel ilment. Għall-ilmenti minn persunal abbord, din il-persuna tista' tkun membru ieħor tal-ekwipaġġ tal-bastiment li fuqu jkun impjegat l-ilmentatur, impjegat tal-kumpanija bbażat fuq l-art, jew persuna minn organizzazzjoni indipendenti maħtura għal dan il-għan. L-aħħar żewġ kanali jistgħu jsiru disponibbli għall-persunal ta' fuq l-art.

Jekk il-persuna maħtura tkun impjegata tal-kumpanija, dik il-persuna għandha tingħata l-awtorità li tittratta l-ilment hija nnifisha jew li tagħżel li tirreferih għal livell ogħla fil-kumpanija.

Minbarra l-proċedura formali, il-kumpanija għandha tipprovdi sabiex il-vittmi ta' fastidju jew ibbuljar ikollhom l-għażla, fid-diskrezzjoni tal-vittma, li jsolvu l-ilmenti tagħhom b'mod informali. Dan jista' jinvolvi li l-vittma tispjega l-effetti tal-azzjonijiet tal-awtur fil-preżenza ta' persuna oħra

mill-kumpanija li tkun irċeviet taħriġ fis-soluzzjoni tal-ilmenti. L-awtur imbagħad jista' jiġi offrut l-opportunità li jitlob skuża għall-azzjonijiet tiegħu u jwiegħed li ma jerġax jagħmilhom. Il-vittma ma għandha taħt l-ebda ċirkustanza tiġi mġiegħla taffaċċja allegat awtur jekk ma tkunx tixtieq tagħmel dan.

Il-kumpanija għandha tikkunsidra wkoll li tagħmel użu minn parti terza indipendenti bbażata fuq l-art li dawk li jsofru fastidju jew ibbuljar jistgħu jagħżlu li jindirizzaw l-ilmenti tagħhom lilha. Il-kumpanija għandha tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema tagħha linja kunfidenzjali għall-għajnuna li tkun immaniġġata mill-parti terza.

Tkun xi tkun il-proċedura magħżula, huwa essenzjali li l-impjegati kollha jkollhom fiduċja fiha. Sistema fejn l-ilmenti jinstemgħu minn oħrajn abbord il-vapur tista' tkun effettiva fuq vapuri b'numri kbar ta' membri tal-ekwipaġġ, speċjalment jekk in-numru ta' uffiċjali superjuri abbord ikun kbir biżżejjed sabiex jipprovdi għall-pressjoni bejn il-pari fost dak il-grupp. Dan ġeneralment jassigura li mġiba mhux aċċettabbli ma tiġix ittollerata.

Madankollu, anki meta tiġi adottata proċedura abbord il-vapur, huwa importanti li l-maniġment ta' fuq l-art ikun jaf bl-inċidenti kollha. Fejn vapur ikollu komplement iżgħar ta' ekwipaġġ, huwa rakkomandat li jkun hemm disponibbli punt ta' kuntatt fuq l-art għall-membri tal-ekwipaġġ sabiex jirrappurtaw l-inċidenti kollha.

## Risposta għal ilment ta' bbuljar u/jew fastidju

Huwa importanti li l-ilmenti jiġu investigati malajr u b'mod oġġettiv. L-impjegati ġeneralment ma jagħmlux akkużi serji sakemm ma jħossuhomx offiżi serjament. Kwalunkwe investigazzjoni trid tidher li hija oġġettiva u indipendenti.

L-impjegaturi li jkunu qegħdin jinvestigaw allegazzjonijiet ta' bbuljar u fastidju għandhom jikkunsidraw iċ-ċirkustanzi kollha qabel ma jaslu għal konklużjoni u b'mod partikolari l-perċezzjoni tal-ilmentatur billi l-ibbuljar u l-fastidju sikwit jinħassu b'mod differenti minn persuni differenti.

## Proċess Informali

F'xi każijiet, jista' jkun possibbli li l-affarijiet jiġu rranġati b'mod informali, pereżempju permezz tal-medjazzjoni. Xi drabi n-nies ma jindunawx li l-imġiba tagħhom ma tkunx mixtieqa u li tkun qiegħda tikkawża dwejjaq. Diskussjoni informali tista' twassal għal fehim akbar u qbil biex dik l-imġiba tieqaf.

## Proċess Formali

Jekk il-kwistjoni ma tiġix solvuta fl-istadju informali, jew l-ilmentatur iħoss li l-ibbuljar jew il-fastidju jkunu ta' natura serja ħafna, jista' jkun meħtieġ li tintalab proċedura ta' lment. L-impjegatur jista' jiddeċiedi li l-kwistjoni teħtieġ li tiġi indirizzata b'mod formali u bħal fi kwalunkwe problema dixxiplinarja oħra, huwa importanti li tiġi segwita proċedura ġusta. Fil-każ ta' lment dwar ibbuljar jew fastidju jrid ikun hemm ġustizzja kemm mal-ilmentatur kif ukoll mal-persuna akkużata. Għal gwida dettaljata dwar kif tittratta lmenti formali ta' bbuljar u fastidju tkun trid tistabbilixxi proċeduri flimkien mat-trejdjunjin rilevanti li tirrappreżenta lill-baħħara u tkun konsistenti mar-rekwiżiti tar-Regolament 5.1.5 tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006.

# Taħriġ, komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni

Politika miktuba telimina l-fastidju u l-ibbuljar fil-post tax-xogħol biss jekk tkun appoġġata minn azzjoni pożittiva sabiex tpoġġiha fil-prattika. Għalhekk sessjonijiet regolari ta' komunikazzjoni, taħriġ u sensibilizzazzjoni huma importanti sabiex jassiguraw li l-impjegati kollha:

- Jifhmu l-impenn tal-kumpanija biex tipprevjeni l-fastidju u l-ibbuljar
- Jifhmu r-responsabbiltà u r-rwol tagħhom fil-proċess
- Ikunu jafu kif ifittxu parir u gwida
- Ikunu jafu kif jagħmlu lment u jkunu kunfidenti li se jinstemgħu b'mod effettiv

Il-kumpanija għandha tassigura li l-impenn tagħha sabiex telimina l-fastidju u l-ibbuljar jiġi kkomunikat b'mod effettiv pereżempju permezz ta':

- Programmi ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni lill-impjegati kollha f'kull livell
- Għoti ta' informazzjoni lill-impjegati u lir-rappreżentanti tat-trejdjunjins
- Kartelluni
- Avviżi fuq il-bords tal-avviżi tal-persunal
- Sezzjoni fil-manwal tal-persunal
- Gwidi għall-maniġment
- Gwidi għall-impjegati
- Konsulenti li jistgħu jiggwidaw lill-impjegati dwar il-politika u l-proċeduri
- Artikli fir-rivisti tal-persunal
- Inklużjonijiet fil-laqgħat tal-għoti ta' informazzjoni
- Induzzjonijiet

Il-politiki u l-proċeduri kollha għandhom jinżammu taħt valutazzjoni sabiex ikun żgurat li jibqgħu effettivi.

## Kunfidenzjalità

Il-kumpanija trid isserraħ moħħ il-baħħara kollha li mhux se jiġu żvantaġġati, vittimizzati jew issir diskriminazzjoni kontrihom għax jagħmlu lment dwar fastidju jew ibbuljar. Il-kumpanija għandha tinvestiga kull ilment u l-ebda baħħar li jagħmel ilment ma għandu jsofri riperkussjonijiet. Barra minn hekk, il-kumpanija għandha tipproteġi l-istatus tal-impjieg ta' kwalunkwe lmentatur matul kwalunkwe investigazzjoni u wara. Huwa biss meta lment jirriżulta li kien vessatorju jew malizzjuż li jista' jkun xieraq li jinbdew proċeduri dixxiplinarji kontra l-ilmentatur.

Il-fastidju sesswali huwa wieħed mill-iżjed forom komuni ta' fastidju. Huwa fl-interess tal-kumpanija li jinħatar individwu xieraq sabiex jittratta l-ilment li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-vittma. Fejn ikun possibbli, ilment ta' fastidju sesswali għandu jiġi investigat minn individwu tal-istess sess bħall-persuna li tqajjem l-ilment.

## Seduti ta' smigħ

Il-proċeduri għandhom jipprovdu li s-seduti ta' smigħ, inkluż kwalunkwe seduta ta' smigħ dixxiplinarja li sseħħ b'riżultat tagħhom, isiru b'mod kunfidenzjali. Il-kumpaniji għandhom jinfurmaw lill-partijiet involuti bid-dritt tagħhom li jkunu akkumpanjati minn ħabib jew uffiċjal ta' trejdjunjin jew persuna abbord il-vapur li jistgħu, fuq bażi kunfidenzjali, jagħtu lill-baħħara parir imparzjali dwar l-ilment tagħhom u jassistuhom sabiex isegwu l-proċedura ta' lment.

Bħal kull smigħ ieħor dixxiplinarju u ta' lment, għandhom jiġu applikati l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-intimat għandu jkollu d-dritt li jwieġeb għal kwalunkwe lment u jagħti l-verżjoni tiegħu tal-avvenimenti. Kemm l-ilmentatur kif ukoll l-intimat għandhom ikunu jistgħu jtellgħu xhieda. Il-kumpanija għandha żżomm ukoll rekord bil-miktub tad-deċiżjonijiet meħuda.

## Soluzzjoni tal-każ / azzjoni

Meta tieħu l-azzjoni ta' rimedju, il-kumpanija għandha tiffoka fuq l-awtur tal-fastidju pjuttost milli fuq il-vittma. Ma jkunx xieraq li tirrispondi sempliċement billi ċċaqlaq il-vittma għal impjieg jew post tax-xogħol differenti bħala mod kif issolvi każ ta' fastidju jew ibbuljar.

# Miżuri sabiex jiġu eliminati l-fastidju u l-ibbuljar

Bosta kodiċijiet dixxiplinarji ta' kumpaniji jipprovdu li ċerti atti li jistgħu jikkostitwixxu fastidju u/jew ibbuljar huma reati li fir-rigward tagħhom tixraq azzjoni dixxiplinarja kontra t-trasgressur. Eżempji jinkludu:

- assalt
- intimidazzjoni
- sfurzar
- indħil fix-xogħol ta' impjegati oħra
- imġiba ta' natura sesswali
- **imġiba bbażata fuq is-sess li taffettwa d-dinjità tan-nisa u l-irġiel fuq il-post tax-xogħol, li tkun mhux mixtieqa, mhux raġonevoli u offensiva għal min jirċeviha.**

Fil-każistika ġie stabbilit li, f'każijiet ta' fastidju bbażat fuq is-sess, m'hemmx bżonn li jiġi kkunsidrat jekk il-fastidju mġarrab mill-vittma kienx isir jew le fuq persuna tas-sess oppost tal-vittma. Dan minħabba li l-fastidju sesswali huwa mġiba bbażata fuq is-sess tal-vittma u, sakemm il-vittma sofriet dannu, mela jkun seħħ fastidju sesswali.

Madankollu, bosta atti u ommissjonijiet li jikkostitwixxu fastidju u bbuljar ġeneralment ma jaqgħu fl-ebda kategorija ta' reat taħt il-proċeduri dixxiplinarji tal-kumpaniji. F'xi każijiet, l-awturi jistgħu saħansitra ma jkunux konxji tal-effetti tal-azzjonijiet tagħhom, li jkunu riżultat ta' stili ta' ġestjoni ħżiena jew li għadda żmienhom pjuttost milli malizzja proprja. Madankollu, din mhijiex skuża u xorta jistgħu jikkostitwixxu bbuljar jew fastidju.

Il-kumpanija għandu jkollha politika sabiex tappoġġa d-dritt tal-persuni kollha li jiġu ttrattati b'dinjità u rispett fuq il-post tax-xogħol. Il-politika għandha tippromwovi attivament ambjent ta' xogħol fejn l-ibbuljar u l-fastidju ma jkunux ittollerati. Hija trid tistabbilixxi b'mod ċar l-istandards ta' mġiba li huma mistennija mill-ħaddiema u l-maniġers. Il-ħaddiema għandhom ikunu jafu għand min jistgħu jmorru jekk ikollhom problema relatata max-xogħol, u l-maniġers għandhom ikunu mħarrġa fl-aspetti kollha tal-politiki tal-kumpanija f'dan il-qasam sensittiv. Sabiex tkun effettiva, il-politika għandha tiġi kkomunikata u implimentata b'mod li l-impjegati kollha jkunu jafu r-responsabbiltajiet tagħhom skont il-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija, lejn il-membri tal-persunal.

Il-kumpanija għandha tassigura li l-maniġers ikollhom il-ħiliet neċessarji sabiex imexxu bl-eżempju. Il-maniġers għandhom ikunu kunfidenti sabiex iġibu ruħhom b'mod li jappoġġa l-politika u jippromwovi mġiba pożittiva.

Il-manwali tal-persunal huma mod tajjeb ta' komunikazzjoni mal-impjegati; huma jistgħu jinkludu referenza speċifika għall-veduti tal-kumpanija dwar l-ibbuljar u l-fastidju, l-appoġġ offrut lill-ħaddiema u l-konsegwenzi għal kwalunkwe impjegat li jitqies li kiser il-politika tal-kumpanija.

## Programmi Edukattivi

Il-kumpanija għandha tagħmel arranġamenti biex il-persunal tagħha ta' fuq il-baħar jipparteċipa fi programmi edukattivi li jispjegaw l-effetti mhux mixtieqa tal-fastidju u l-ibbuljar u li jispjegaw il-politika tal-kumpanija. Programmi bħal dawn għandhom jispjegaw ukoll il- proċeduri tal-kumpanija għar-rappurtar tal-inċidenti. Barra minn hekk, il-kumpanija għandha tikkunsidra li tipprovdi pubblikazzjonijiet, kartelluni u vidjows sabiex tissottolinja u tirrinforza l-politiki tal-kumpanija. Dawn il-programmi ta' taħriġ għandhom ikunu disponibbli għall-persunal ġdid u eżistenti kollu.

L-ECSA u l-ETF ikkummissjonaw għajnuna online għat-taħriġ bl-isem ["Għid Le għall-Ibbuljar, Għid Le għall-Fastidju / Uri lill-Fastidju u l-Ibbuljar il-Karta l-ħamra]" għall-użu mill-maniġment abbord il-vapuri u ta' fuq l-art. Dettalji dwar kif taċċessa din ir-riżorsa huma pprovduti fin-naħa ta' ġewwa tal-qoxra ta' wara.

Miżuri oħra li l-kumpaniji jistgħu jużaw, skont iċ-ċirkustanzi tagħhom, jinkludu:

- **in-nomina ta' persuna adatta u mħarrġa b'mod xieraq abbord kull vapur u fl-uffiċċji fuq l-art bħala Konsulent Kontra l-Fastidju u l-Ibbuljar jew Uffiċjal għall-Etika;**
- **l-istabbiliment ta' kumitati ta' ġestjoni abbord il-vapuri u/jew fuq l-art;**
- **il-ħatra ta' membru tal-persunal bħala Uffiċjal għall-Investigazzjoni tal-Fastidju;**
- **•li jiġi assigurat li kull vapur jadotta dikjarazzjoni li tgħid li l-fastidju u l-ibbuljar mhumiex ittollerati abbord;**
- **l-istabbiliment ta' kumitat ta' eżami li jinvolvi l-maniġment tal-kumpanija u rappreżentanti tal-baħħara / trejdjunjins sabiex jimmonitorja l-effikaċja tal-politika.**

# Studji ta' każijiet

## Kumpanija Internazzjonali tal-Kruċieri

Din il-kumpanija għal bosta snin kellha Kodiċi ta' Kondotta, li jsemmi numru ta' mġibiet mhux aċċettabbli f'termini tal-interazzjoni ma' impjegati kollegi oħra u l-klijenti. Ma huma ttollerati l-ebda aspett ta' mġiba heddieda, intimidatorja, ta' bbuljar, sfurzar jew indħil u dawn jiġu ttrattati bħala vjolazzjonijiet taħt dan il-Kodiċi ta' Kondotta. Bl-istess mod kwalunkwe kwistjoni li tista' tkun diskriminatorja jew offensiva fin-natura tagħha jew li tirriżulta fil-vittimizzazzjoni ta' individwu ieħor, hija meqjusa bħala mhux aċċettabbli. Kull vjolazzjoni tiġi investigata u kkunsidrata. Fejn ikun meħtieġ, tittieħed azzjoni dixxiplinarja, li tista' tinkludi azzjoni sa u inkluża t-tkeċċija. L-impjegati kollha huma pprovduti aċċess għal dan id-dokument tal-Kodiċi ta' Kondotta li huwa disponibbli internament fuq l-intranet tal-kumpanija. Dan l-aħħar għadu kif tnieda qafas ġdid għall-Iżvilupp tal-Maniġment u bħalissa qiegħed isir taħriġ ta' aġġornament sabiex ikun assigurat li l-għarfien tal-maniġers tal-baħħara jkun aġġornat u jinkorpora l-valuri tal-Kumpanija.

Il-Kumpanija tipprovdi wkoll 'Hotline għall-Konformità' li tippermetti lill-impjegati li jirrappurtaw b'mod anonimu mġiba ħażina ssuspettata. Din il-hotline hija reklamata b'mod estensiv u kwalunkwe kwistjoni ta' bbuljar u fastidju fil-post tax-xogħol tista' tiġi rrappurtata permezz tagħha u mbagħad, fejn ikun meħtieġ, tiġi ttrattata skont il-Kodiċi ta' Kondotta.

## Kumpanija Internazzjonali tat-Trasport tal-Fjuwil

Dan l-operatur ipproduċa Kodiċi ta' Kondotta li jistabbilixxi r-regoli bażiċi li l-persunal kollu jrid isegwi u n-nuqqas li jiġi segwit dan il-Kodiċi huwa mġiba ħażina, li tista' twassal għal azzjoni dixxiplinarja u anki tkeċċija. Il-Kodiċi fih messaġġ personali mill-Kap Eżekuttiv tal-Grupp li jissottolinja l-impenn tiegħu lejn il-politika. Huwa jispjega kif il-valuri ċentrali tal-kumpanija għandhom jiggwidaw l-imġiba u jassistu lill-persunal fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Huwa jipprovdi gwida dwar il-ħolqien ta' post tax-xogħol rispettuż u mingħajr fastidju li jinkludi lista komprensiva ta' regoli bażiċi li l-impjegati għandhom jikkunsidraw jekk xi aspetti tal-imġiba tagħhom jikkostitwux fastidju. L-impjegati jistgħu jaċċessaw il-politiki tal-kumpanija permezz ta' links utli għas-sit elettroniku tal-HR u jipprovdi wkoll kuntatt kunfidenzjali għal kwalunkwe membru tal-persunal li jkun is-suġġett ta' fastidju, jew li jkun ra kwalunkwe forma ta' abbuż jew ibbuljar fil-post tax-xogħol. Il-kumpanija għandha politika ta' tolleranza żero dwar ir-ritaljazzjoni billi hija tirrikonoxxi li din timxi id f'id mat-twemmin tagħha li, li wieħed jitkellem, hija l-ħaġa t-tajba li għandu jagħmel. Kwalunkwe att ta' ritaljazzjoni huwa kkunsidrat bħala mġiba ħażina li, jekk tkun issostanzjata, tista' twassal għal azzjoni dixxiplinarja.

Barra minn hekk, il-kumpanija tirrikonoxxi li l-maniġers u s-superviżuri għandhom responsabbiltajiet addizzjonali u torganizza seminars u workshops biex tippromwovi ħiliet ta' tmexxija li jgħinuhom japplikaw il-Kodiċi b'mod konsistenti fil-livelli kollha madwar l-organizzazzjoni.

## Kumpanija tat-Tbaħħir fuq Distanzi Qosra

Din l-organizzazzjoni għandha sett ta' valuri ċentrali li jissottolinjaw l-imġiba li hija mistennija mill-persunal tagħha. Il-politiki u l-proċeduri tagħha jassiguraw li meta jsir ilment dwar ibbuljar u fastidju, il-kumpanija tinvestiga malajr u b'mod oġġettiv. Il-politika tidentifika proċeduri ta' lment u dixxiplinarji li jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità u lill-ilmentatur milli jiġi vittimizzat. Kwalunkwe membru tal-persunal għandu d-dritt għal rappreżentanza jew appoġġ mill-kollegi f'kull stadju tal-proċeduri sabiex ikun assigurat li l-proċess ikun kemm ġust kif ukoll imparzjali. Hija tenfasizza wkoll li s-soluzzjoni bikrija ta' kwalunkwe lment hija aħjar kemm għall-kumpanija kif ukoll għall-membri tal-persunal. Bħala parti mill-proċess hija tinkoraġġixxi l-użu tal-medjazzjoni bħala mezz biex tiġi solvuta kwalunkwe tilwima fil-post tax-xogħol fi stadju bikri.

Sabiex tissupplimenta l-valuri ċentrali tagħha, il-kumpanija torganizza seminars u sessjonijiet ta' taħriġ regolari fuq l-art għall-persunal kollu, li fihom tiġi disseminata l-politika tal-kumpanija dwar l-opportunitajiet indaqs u jiġi spjegat li billi tiġi segwita jistgħu jiġu evitati l-ibbuljar u l-fastidju fil-post tax-xogħol.

# It-test issuġġerit tal-fuljett għall-baħħara

## Drittijiet u responsabbiltajiet tal-baħħara

L-ebda ħaddiem ma għandu jingħata fastidju jew jiġi bbuljat fil-post tax-xogħol tiegħu. Il-ħaddiema kollha għandhom responsabbiltà sabiex jassiguraw li l-postijiet tax-xogħol tagħhom jkunu ħielsa mill-fastidju u l-ibbuljar u l-kumpanija tiegħek tieħu dawn l-affarijiet ħafna serjament.

## Inti tagħti fastidju jew tibbulja ħaddiema oħra?

Il-fastidju jinkludi kwalunkwe att li joħloq sensazzjonijiet ta' skumdità, umiljazzjoni, mistħija, intimidazzjoni, jew dwejjaq għall-persuna li tirċevih.

L-ibbuljar jinkludi kwalunkwe mġiba negattiva jew ostili li ġġiegħel lil min jirċeviha jħossu beżgħan jew intimidat.

Tista' ma tkunx konxju tal-effett li l-azzjonijiet tiegħek għandhom fuq ħaddiema oħra. Pereżempju:

- taħseb li l-mod kif tagħmel ix-xogħol inti huwa dejjem tajjeb?
- tgħolli leħnek ma' ħaddiema oħra?
- inti sarkastiku jew patronizzanti ma' ħaddiema oħra?
- tikkritika persuni quddiem persuni oħra?
- tikkritika żbalji żgħar u ma tagħtix kreditu għax-xogħol tajjeb?
- tevita ħaddiema oħra jew ixxerred għajdut jew diċeriji malizzjużi?

Jekk inti mħasseb li xi aspetti tal-imġiba tiegħek jistgħu jitqiesu bħala fastidju jew ibbuljar, il-kumpanija tiegħek se tgħinek teħles minn dawk l-aspetti. Madankollu, inti għandek tavviċina l-maniġer tal-linja tiegħek u tfittex l-għajnuna – toqgħodx tistenna sakemm isir ilment kontrik!

## Ingħatajt fastidju jew ġejt ibbuljat fuq il-post tax-xogħol?

Il-kumpanija tiegħek se tittratta kull ilment ta' fastidju u bbuljar b'serjetà u b'mod kunfidenzjali.

Il-maniġer tal-linja tiegħek abbord il-vapur u l-maniġer tal-persunal tiegħek fuq l-art ġew imħarrġa kif jittrattaw l-ilmenti ta' fastidju u bbuljar. Inti tista' tavviċina wieħed minnhom jew lit-tnejn biex tirrapporta kwalunkwe inċident li sofrejt.

Jekk ma tħossokx komdu tressaq ilment inti stess, tista' titlob ħabib jew kollega biex jagħmel dan f'ismek.

M'intix ser tiġi vittimizzat mill-kumpanija talli tagħmel ilment, sakemm dan ma jkunx vessatorju jew isir b'malizzja.

Ftakar, huwa l-mod kif il-vittma tara kwalunkwe azzjoni li jgħodd. Jekk INTI tħoss li ġarrabt fastidju jew ibbuljar, il-kumpanija se tieħu azzjoni.

Isem tal-Kumpanija:

Persuna ta' kuntatt abbord:

Persuna ta' kuntatt fuq l-art:

---

## Links tal-web għall-materjali ta' taħriġ fuq il-websajts tal-Imsieħba fil-Proġett

- ETF: www.itfglobal.org/etf/BullyingAndHarassment.cfm



- ECSA: www.ecsa.eu/workplace-bullying-harassment




- Videotel: www.videotel.com/etf/



**ECSA — European Community Shipowners' Associations**
67, rue Ducale, 1000 Brussels, Belgium.
Tel: +32 2 511 39 40
Fax: +32 2 511 80 92
Email: mail@ecsa.be
**www.ecsa.be**

**ETF — European Transport Workers' Federation**
Rue du Marché aux Herbes 105, Boîte 11
B – 1000 Brussels
Tel: 0032 2 285 45 83
Fax: 0032 2 280 08 17
Email: etf@etf-europe.org
**www.etf-europe.org**